# L-Ortografija tal-Għaqda

*Ta'* NIKOL BIANCARDI

NAHSBU li l-lum ftit fadal nies li m'humiex jadottaw l-ortografija li swiet tant ħidma u għaraq lill-membri tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Bis-saħħa ta' din l-ortografija l-lum *kulħadd* qiegħed jikteb xorta waħda; ingħidu kulħadd għax il-waħdiet fost il-kittieba li għadhom ma ħaddnux l-ortografija tagħna huma jew nies neqsin mit-tagħlim, jew nies li għadhom iridu jġibu taħwid fil-letteratura tagħna; nies li ma jixtiqux jaraw lil Malta magħduda bħala nazzjon bl-Ilsien tagħha, bl-Innu tagħha, bid-drawwiet tagħha.

Fost ta' l-ewwel, jiġifieri fost in-nies ta' nofs tagħlim, insibu dawk li għandhom rieda kbira biex jiktbu tajjeb imma minħabba li ma jafux x'jiġifieri grammatika u sintassi u ma għandhom l-ebda tagħrif ta' ilsna oħra, tarahom idaħħlulek il-*k* u l-*q* fejn jifhmu huma, u mill-bqija xejn. Donnha l-ortografija tal-Għaqda hija mibnija biss fuq dawn iż-żewġ ittri.

Fost tat-tieni nsibu nies li l-ħsibijiet tagħhom xejn ma huma Maltin. Billi jiktbu b'ortografija italjanizzata huma jaħsbu li b'hekk qegħdin iżommu prinċipju li l-lum rabba s-sadid: prinċipju li l-lum qdiem u tmermer.

Il-lum hemm letterati Taljani m'hux biss li ma jaqblux magħhom, iżda li saħansitra qegħdin jitħabtu biex iressqu l-Ortografija Taljana lejn l-Ortografija tagħna u lejn l-Ortografija Ingliża. Fost dawn l-istudjużi Taljani nsibu lil Cesare La Serra, li jgħammar f'Via Maria Adelaide, 1, Ruma. Qabel ma nagħtu tagħrif dwar l-ortografija maħluqa minn dan l-istudjuż, irridu nġibu kelma b'kelma bċejjeċ minn ittra li huwa xandar fir-rivista "La Settimana Incom Illustrata", fil-ħarġa ta' l-ewwel jum ta' Lulju, 1950 :—

Karo Direttore,

Okkorrerebbe spiegare all'iñaro lettore :

1o. Ke una semplifikazione della skrittura italiana ottenuta asseñando ad oñi singolo suono una sola lèttera, renderebbe più facile l'apprendimento della lingua ai bimbi e ayi stranieri.

2o. Ke un alfabeto italiano kosì fonetizzato avrebbe majjòr probabilità di èssere adottato kome alfabeto internazionale.

3o. Ke l'unifikazione deyi alfabeti faciliterebbe immensamente le komunikazioni tra i popoli.



5o. Ke tale unifikazione kostituirebbe la necessaria premessa all'adozione di una lingua universale, ojji utopia, domani, forse, realtà.

Questi sono yi skopi della mia modesta rivista "ortografia", ke sarò lieto di inviare gratis a quanti fra i suoi lettori me la rikiederanno.

Grazie e kordiali saluti.

Via Maria Adelaide, 1, Roma.
CESARE LA SERRA,

Sa hawn l-ittra ta' La Serra.

Għad li l-lum aħna ma nistgħux naqblu f'kollox miegħu, ma nistgħux ma nfakkrux, iżda, li l-bidla tal-*g* ħelwa (li aħna nsejħu b'*ġ* : ġe bit-tikka) fil-*j* Ingliża, bħal oggi : ojji), kienet ilha tittanta lil bosta mill-istudjużi Maltin. Tant hu hekk li għall-ħabta ta' l-1882 ix-*Xirka Xemïa* ħolqot sistema ta' kitba Maltija fuq Alfabet Fonetku li fih hemm xi ittri li jaqblu ma' l-ittri fonetiċi ta' Cesare La Serra, fosthom l-ittra *k* fil-kelma *kelb*, eċċ., u l-ittra *j* fil-kelma *jdid*, il-lum miktuba *ġdid*. Fuq din is-sistema kienu ħarġu xi kotba tal-Qari Malti għall-Iskejjel tal-Gvern miktubin minn A. Preca u minn Achille Ferris (Spettur ta' l-Iskejjel Elemetari). Din ix-*Xirka* mietet wara ftit snin ta' ħajja. Qabel u wara x-*Xirka Xemïa* kittieba oħra ippruvaw jagħmlu l-istess, biex iressqu l-Ortografija Maltija lejn l-Ingliża, kif oħrajn ippruvaw iressqu l-Ortografija Maltija lejn it-Taljana. Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, iżda, żammet it-triq tas-sewwa, kif jixhed it-tifħir li qalgħet minn lingwisti internazzjonali meta bniet u xandret l-ortografija tagħha li l-lum Malta kollha ħaddnet, jiġifieri **l-istampa, il-qrati, l-iskejjel** (fosthom l-Università) u fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, il-Kurja.